# Il-Bidu tal-Każini tal-Baned

Kitba ta' Dr Joseph F. Grima

F'moħħ ħafna nies, il-każini tal-baned huma assoċjati mal-festi titulari tal-parroċċi kif ukoll mal-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u Ħadd il-Għid. Forsi ssib ukoll min jaħseb li ma kinitx tindaqq mużika f'dawn il-festi u l-purċissjonijiet qabel ma ġew organizzati l-każini tal-baned. Iżda dan ma kienx il-każ u jiżbalja għal kollox min jaħseb hekk.

Qabel ma bdew jeżistu l-każini, il-mużika fil-purċissjonijiet kellha s-sehem tagħha wkoll u tajjeb li nagħtu xi ftit eżempji. Fl-1673 kienet tindaqq il-mużika fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt Valletta[1] u, sal-1761, fil-manifestazzjoni simili tan-Naxxar, kien hemm daqq regolari ta' fifri, tamborlini, vjolinċell u vjolini.[2] Fin-Naxxar ukoll, fl-1770 sar ħlas għall-mużika tal-Pascua Grande, li x'aktarx inkludiet il-Ġimgħa l-Kbira u Ħadd il-Għid[3] u, biex nagħtu l-aħħar eżempju, sal-1804 kien hemm żewġ baned jakkumpanjaw il-purċissjoni ta' l-Irxoxt fil-Birgu, waħda quddiemnett u l-oħra wara l-vara ta' Kristu Rxoxt.[4]

Iżda dan l-akkompanjament ma kienx isir minn baned kif nafuhom illum għax, kif ser naraw, dawn bdew jiġu organizzati f'Malta madwar 150 sena ilu. Dawn il-baned bikrin kienu gruppi ta' mużiċisti li kienu jinkrew biex iferrħu lin-nies f'okkażjonijiet partikolari u, fil-fatt, baqgħu popolarment magħrufin bħala l-banda (ċioè baned) ta' Indrì. Iżda assolutament ma kellhomx l-organizzazzjoni preċiża u statutorja ta' każini. Il-bidu bikri tal-każini kellu jirriżulta minn diversi fatturi - mhux festi biss - li kien hawn f'pajjiżna lejn nofs is-seklu dsatax u b'rabta partikolari mal-presenza ta' numru mhux ħażin ta' refuġjati Taljani f'Malta.

## L-Influwenza Taljana

L-ewwelnett, irridu niftakru li l-Italja bħala pajjiż wieħed u magħqud, fis-sens politiku u nazzjonali, bdiet teżisti fl-1861 u, biex seħħ dan, kien hemm ħafna ġlied u taħbit biex twarrbu l-ħafna gvernijiet oppressivi u awtokratiċi li kienu qed iżommu maqsuma u mifruda lil din il-penisola. Fl-1866 u fl-1870 ingħaqdu rispettivament ma' l-Italja l-ibliet ta' Venezja u Ruma, u kien minn hawn li Ruma saret il-belt kapitali Taljana. Sakemm seħħet l-unità ta' l-Italja, kien hemm bosta Taljani idealisti u intellettwali li kellhom

jaħarbu minn pajjiżhom u jfittxu kenn politiku f'pajjiżi barranin. Malta kienet waħda minn dawk li taw kenn lil numru sew ta' refuġjati Taljani. Dawn ir-refuġjati, min ftit u min ħafna, xerrdu f'Malta ideat ġodda, fosthom ideali demokratiċi, edukattivi u kulturali.[5] Fl-1839, Malta ngħatat il-Libertà ta' l-Istampa u din ġabet magħha l-pubblikazzjoni ta' diversi ġurnali[6] li sabu kontributuri siewja minn fost ir-refuġjati Taljani f'Malta, anzi wħud minnhom kienu wkoll l-edituri ta' xi gazzetti.[7] Fost dawn ir-refuġjati nsibu lil Tommaso Zauli Sajani (1802-72), li għex f'Malta bejn l-1836 u l-1847[8] li kien il-fundatur u d-direttur tal-ġurnal La Speranza u kien jikkollabora mil-qrib mal-gazzetta Il Mediterraneo.[9] Fl-1838, Sajani gerger f'Il Mediterraneo li f'Malta kien hawn nuqqas kbir ta' spirtu ta' assoċjazzjoni u ppropona li jitwaqqaf dak li hu ddeskriva bħala le basi di un'associazione vasta, non dispendiosa, di facile esecuzione e proficua a tutti rami dell'umano sapere li tkun tinkludi wkoll soċjetajiet filarmoniċi.[10]

**Fatturi Kulturali, Reliġjużi u Ekonomiċi**

■ B'dan kollu li għidna ma nistgħux nikkonkludu li l-każini tal-baned f'Malta ġew organizzati minħabba l-proposti ta' Zauli Sajani iżda hi ħaġa żgura li kliemu għen ħafna biex jinżergħu ħsibijiet u ideat. Hawn irridu nżidu li f'Malta diġà kien jeżisti l-kunċett bikri ta' organizzazzjonijiet soċjali u kulturali.

Għalkemm kien ta' natura esklussiva, fil-Belt kien diġà jeżisti mill-1826 il-Union Club fil-waqt li, fl-1834, Luigi Tonna waqqaf l-ewwel Gabinetto di Lettura f'Malta li kellha s-sede tagħha fi Triq il-Merkanti, Valletta. Warajh infetħu stabbilimenti simili fl-1837 f'Bormla minn Antonio Gerada, f'post mhux speċifikat minn Luigi Vidal fl-1841, u fil-belt Valletta fl-1847 minn E.M. Watson fl-1841 ukoll. Aktar ma għadda ż-żmien, saru aktar reading rooms (postijiet g]all-qari) simili f'Ħaż-Żebbuġ fl-1847, fil-belt Valletta fl-1848, fl-Isla fl-1862 u f'Bormla fl-1886. Dawn ma kinux soċjetajiet imwaqqfin esklussivament għall-qari iżda żviluppaw ukoll bħala entitajiet soċjali. Magħhom wieħed jista' jżid il-klabb esklussiv tal-Casino Maltese li nfetaħ fl-1850.[11]

Mela fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax kellna t-tkattir bil-mod ta' entitajiet soċjali. Ma' dan l-iżvilupp ninnotaw xi ħaġa oħra wara l-1850, din id-darba fil-qasam reliġjuż. Żdiedet id-devozzjoni lejn il-

Madonna wara d-dehriet tagħha f'Lourdes fl-1858, ħarġet id-Domma tal-Konċepiment Immakolat fl-1854 u, fl-1879, San Ġużepp ġie dikjarat Patrun tal-Knisja Kattolika.[12] Dan hu ta' min iqisu u jagħti kasu għax ħarsa ħafifa lejn il-parroċċi Maltin malajr tindikalna li numru minnhom huma dedikati lill-Madonna jew lil San Ġużepp, jonkella jiċċelebraw ad unur tagħhom festi sekondarji kbar. Mill-1854 'il quddiem kien żmien ta' prosperità ekonomika għal Malta minħabba l-infiq tas-servizzi Inglżi - tal-baħar u l-armata - fil-Gwerra tal-Krimea (1854-56), infiq mill-gvern fuq xogħlijiet pubbliċi bejn l-1859 u l-1865, id-domanda għax-xiri tal-qoton Malti minħabba li kien naqas is-suq Amerikan kawża tal-Gwerra Ċivili Amerikana (1860-65), u l-ftuħ tal-Kanal tas-Swejz fl-1869 li qiegħed lil Malta fuq l-iqsar rotta bejn il-Gran Brittanja u l-imperu tagħha fil-Lvant Imbiegħed, b'mod partikolari l-Indja.[13]

Mela, lejn it-tieni nofs tas-seklu dsatax, kellna dawn il-fatturi: entitajiet soċjo-kulturali, idejat ġodda mir-refuġjati Taljani, u ekonomija li kienet pjuttost qed tiffjorixxi. Bdew jidhru wkoll il-partiti tal-festa b'devozzjonijiet x'aktarx "ġodda" li ħolqu xi ftit tal-piki wkoll. Jekk wieħed jgħaqqad kollox, m'għandux jiskanta li jara dan ir-riżultat: il-ħolqien ta' soċjetajiet fil-forma ta' każini tal-baned li tagħhom ser nagħtu biss tliet eżempji: fl-1851 il-Każin tal-Banda San Filep f'Ħaż-Żebbuġ (Malta) ippreżenta l-ewwel programm mużikali tiegħu,[14] fl-1862 twaqqaf il-Każin Pinto f'Ħal Qormi[15] u, sena wara, twaqqfet il-Banda La Vittoriosa (dak iż-żmien bl-isem ta' Banda Leone) fil-Birgu.[16] Ovvjament, fl-istess żmien magħhom twaqqfu diversi baned oħrajn ukoll.[17]

**Fatti u Kummenti**

■ Il-prosperità ekonomika għamlet possibbli l-organizzazzjoni ta' numru ta' każini bl-ispejjeż kollha li jġibu magħhom - per eżempju, ix-xiri ta' l-istrumentatura li minn dejjem kienet tqum ħafna flus - u li kienu dipendenti fuq l-għotjiet tal-membri. L-idea kienet il-bidu ta' kollox u kompliet titrawwem mill-eżempju ta' xi assoċjazzjonijiet eżistenti. Ġie mbagħad il-ħsieb (hawn min isejjaħlu fervur!!!) reliġjuż biex tissawwar id-dedika (il-mira?) ir-raison d'etre tal-każini individwali. Bħalma ġara regolarment tul is-snin f'pajjiżna, f'diversi rħula maż-żmien nibet id-diżgwid, nuqqas ta' qbil jew piki - wieħed jista' jsejħilhom li jrid, iżda kollha jwasslu għall-istess riżultat - li

ġabu firda u, f'ħafna każi, il-ħolqien tat-tieni każin fir-raħal jew belt. Inkwiet bħal dan seta' kien riżultat ta' diversi fatturi individwali jew kombinati flimkien: soċjali, politiċi, reliġjużi, jew ambizzjoni personali.[18] L-isfortuna hi li, meta ġara dan, bosta drabi nstabu raġunijiet aktar konvenjenti u rispettabbli biex iġġustifikaw il-ħolqien ta' każini ġodda tul l-aħħar seklu u aktar. L-agħar konsegwenza ta' aġir bħal dan, mil-lat storiku, hu li l-verità tiċċajpar u tintilef mal-milja taż-żmien bħalma, fil-fatt, seħħ f'bosta każijiet.

Il-każini mill-ewwel kienu assoċjazzjonijiet kostitwiti formalment bi statuti, kumitati eletti, sede, u numru sostanzjali ta' membri (jew soċji). Fl-imgħoddi kienu ċentri sekolari soċjali importanti għax, f'bosta rħula, il-każin tal-banda kien l-unika għaqda kostitwita li fiha setgħu jiltaqgħu u jitħaddtu rġiel minn kull strata tas-soċjetà lokali. Għaldaqstant - u dan mhux dejjem jgħodd għaż-żminijiet tal-lum - il-każin tal-banda kien jimla vojt fil-parroċċa, vojt li kien jinħass fl-oqsma soċjali, politiċi u kulturali, bħalma kien kiteb Zauli Sajani fl-1838.

Hu fatt li l-każini ta' dari - għall-kuntrarju tal-lum - kienu jieħdu sehem attiv fil-movimenti politiċi u ġie li appoġġjaw bil-miftuħ, ukoll b'marċi u sfilati, lil xi politiku partikolari jew moviment fis-seklu dsatax. Iżda, apparti dan l-ispirtu partiġjan, il-każini kienu konxji wkoll mill-bżonnijiet nazzjonali ta' Malta u taw kontribut politiku siewi almenu f'żewġ okkażjonijiet meta l-Maltin ħadmu id f'id għall-kisba tad-drittijiet politiċi tagħhom: fl-Assemblea Nazzjonali ta' l-1919 u fl-Assemblea Nazzjonali ta' l-1945.

Sa madwar 50 sena ilu, bosta każini kienu jfittxu li jagħmlu bħala uffiċjali tagħhom nies minn fost l-aktar influwenti fil-komunità u, bħala President, kienu jsibu xi persuna distinta li kapaċi żżomm fl-għoli l-ġieħ tal-każin fl-okkażjonijiet li jistgħu jinqalgħu. Anke s-surmast tal-banda: x'aktarx li ma kienx ikun mir-raħal u jattendi l-każin għall-kunċerti u l-programmi. Illum, dawn l-atteġġjamenti nbidlu bit-tixrid ta' l-edukazzjoni u t-tagħlim li, aktar iva milli le, rriżultaw f'bosta nies tal-post jitqiesu eliġibbli għal dawn l-uffiċċji.

Tassew li r-rwol tal-każini llum m'għadux jiġbor fih dawk l-elementi kollha ta' l-ewwel assoċjazzjonijiet iżda għandna nirrikonoxxu l-kontribut qawwi u validu li taw fl-iżvilupp soċjali ta' l-ibliet u l-irħula Maltin. Dan kien jinkludi l-kamp kulturali fejn tnisslet l-imħabba għall-mużika fil-qlub ta' bosta nies li, fil-

maġġoranza tagħhom, kienu illitterati iżda rnexxielhom jitgħallmu jdoqqu fil-banda tar-raħal u tgħallmu jaqraw partitura mużikali. Fis-seklu dsatax ma kienx hemm il-mezzi tax-xandir li għandna llum u n-nies ħtiġilha tfittex il-banda biex tisma' xi biċċa mużika sabiħa differenti minn dik sagra li kienu jsimgħu fil-knejjes. Għaldaqstant, il-ħolqien tal-każini tal-baned madwar seklu u nofs ilu għandu importanza relattivament kbira fl-istorja soċjali ta' pajjiżna.

---

[1] Ġ. Aquilina, Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt, Malta 1986, p. 31.
[2] P.F. Catania, "Holy Week Procession at Naxxar: Origins and Early Developments in the 18th Century", The Democrat, 11.iv.1987.
[3] Ibid.
[4] A. Zammit Gabarretta, Il-Birgu fil-Ġimgħa ta' l-Għid - Drawwiet ta' l-Imgħoddi, Malta 1973, p. 16.
[5] Dwar ir-refuġjati Taljani f'Malta ara: B. Fiorentini, Malta Rifugio di Esuli e Focolare Ardente di Cospirazione durante il Risorgimento Italiano, Malta 1966; G. Mangion, Governo Inglese, Risorgimento Italiano ed Opinione Pubblica a Malta (1848-1851), Malta 1970; M. de Leonardis, "Malta tra Risorgimento e Anti-Risorgimento - La Visita di Garibaldi nel 1864", Rassegna Storica del Risorgimento, Anno LXXII - Fascicolo III - Luglio-Settembre 1985, pp. 324-57; L. Schiavone, "Esuli Italiani a Malta", Echi del Risorgimento a Malta, Milan 1982, pp. 178-219.
[6] Ara J.F. Grima, Printing and Censorship in Malta 1642-1839 - A General Survey, Malta 1991, pp. 65-84; B. Fiorentini (1966), pp. 37-53.
[7] G]al tag]rif dwar il-[urnali u edituri ara B. Fiorentini, "Il Giornalismo a Malta durante il Risorgimento Italiano", Echi del Risorgimento a Malta, Milan 1982, pp. 23-177.
[8] G]al tag]rif dwar Sajani ara L. Schiavone (1982), pp. 217-8.
[9] B. Fiorentini (1982), pp. 34-5 u 78-9.
[10] B. Fiorentini (1966), p. 62; Il Mediterraneo, 07.xi.1838.
[11] P. Cassar, "The Gabinetto di Lettura or Reading Room in 19th Century Malta (1834-1886)", Proceedings of History Week 1986, editur J.F. Grima, Malta 1992, pp. 1-14 passim.
[12] J. Boissevain, Saints and Fireworks, Malta 1965, pp. 91-2.
[13] C.A. Price, Malta and the Maltese, Melbourne 1954, pp. 107-8 u 127.
[14] M. Attard, Ħaż-Żebbuġ u l-Festa ta' San Filep, Malta 1985, p. 36.
[15] R. Mifsud Bonnici, Rikordju tal-Festi Ċentinarji tas-Soċjetà Filarmonika Pinto, Qormi, Malta 1962, p. 7.
[16] L. Zahra, Ġrajjiet il-Banda Vittoriosana San Lawrenz 1883-1983, Malta 1983, p. 12.
[17] P.P. Castagna, Lis Storia ta Malta bil Gzejer Tahha, Vol. I, Malta 1888, it-Tieni Edizzjoni, pp. 247-8, jagħti lista ta' 36 banda. Inżidu li l-istorja tal-baned lokali llum inġabret: M. Schiavone (Editur), L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex, 3 volumi, Malta 1997, 1997 u 1998, li fihom hemm l-istorja ta' 80 banda.
[18] Hekk seħħ ukoll f'Ħal Qormi fejn nuqqas ta' qbil dwar problema ta' natura reliżjuża, il-legati taż-żwieġ, wassal għall-ħolqien tal-Każin Banda San Ġorġ fl-1893. M'hux magħruf kienx hemm ukoll fatturi soċjali u/jew politiċi. Ara J.F. Grima, "Birth of a Band club in the Late Nineteenth Century: A Case Study", Proceedings of History Week 1992, editur S. Fiorini, Malta 1994, pp. 119-21.